# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 681/01**

**Numru 31**

**Joseph Fenech, esercenti l-kummerc fl-isem "Ambassador Hotel"**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita tieghu premessa ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf disa' mija u sebghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm1970.06) rapprezentanti servizzi resi u spejjez inkorsi fuq inkarigu taghhom

Bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra bonarja, kif ukoll tal-mandat

ta’ sekwestru fl-istess ismijiet u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-ligi. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess attur sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fil-14 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur fil-kwalita tieghu premessa s-somma ta' Lm1970.06,0 bl-imghax legali mit-18 ta’ Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju imsemmijin fl-istess avviz, b’riserva “si et quatenus” ghal kull dirtt spettanti lill-istess attur.

Alan Calleja
Deputat Registratur